MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## ONOR. IMHALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-13 ta' Frar, 2003

Rikors Numru. 412/1997/1

Victor Darmanin
vs
Chairman Enemalta Corporation

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1992 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjoni li kien jikkwalifika ghaliha.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Huwa kien dahal jahdem mal-Korporazzjoni Enemalta fl-1965. Huwa dejjem kien jaghmel xoghlu bir-reqqa kif kien mehtieg u dejjem obda lis-superjuri tieghu, tant hu hekk, li qatt ma kellu rapporti hziena kontra tieghu.

Fl-1992, meta hu kellu l-grad ta' Assistant Technical Officer, kienu hargu sejhiet ghall-promozzjoni ghal Technician Mechanical (illum sar Technical Officer). Huwa kien ghamel l-ewwel parti ta' l-ezami mehtieg (bil-kitba), izda ma kienx gie msejjah ghat-tieni parti.

Xi zmien wara sar jaf li kien hemm min kien gie msejjah biex jaghmel it-tieni parti, u li xi ftit minnhom kienu nghataw din il-promozzjoni. Dawn kienu kollha mis-sezzjoni tal-Generation u hu kien mis-sezzjoni tad-Distribution. Ta’ min isemmi li minn dan iz-zmien ‘l hawn, ma kienet inghatat l-ebda promozzjoni fis-sezzjoni tad-Distribution u ghalhekk huwa hass li kien gie mwahhal fil-grad li ghandu fil-prezent, sa ma jispicca mis-servizz.

Ghaldaqstant hass li huwa kien sofra ingustizzja f’li kien gie maqbuz fl-opportunita` li javvanza fil-karriera tieghu ingustament. B'hekk huwa kien sofra danni finanzjarji.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab illi dan it-Tribunal jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata l-promozzjoni li kien gie mtellef, b'lura minn dik id-data, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta'

Ra l-lista tax-xhieda.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Korporazzjoni Enemalta li eccepiet:

Illi permezz ta' Cirkulari nru 10/92 tal-5 ta' Marzu 1992 kienet inharget sejha ghall-applikazzjonijiet lill-impjegati tal-Korporazzjoni ghall-mili ta' post/postijiet ta' Technician (Mechanical) fit-Taqsima ta' l-Elettriku - Dok A.

Illi ghal dawn il-postijiet kien hemm sebgha u erbghin applikant fosthom ir-rikorrent.

Illi wara li kienu gew ezaminati mill-Bord ta' l-Ghazla mwaqqaf mill-Korporazzjoni kienu kkwalifikaw sitt kandidati skond l-ordni tal-mertu kif kien ippubblikat mill-Bord ta' l-Ghazla fid-9 ta' Frar 1993 - Dok B u Dok C.

Illi fl-opinjoni tal-Bord ta' l-ghazla r-rikorrent ma kienx ikkwalifika ghal post li hu kien applika ghalih.

Illi l-Bord ta' l-Ghazla kien agixxa skond kif provut fil-Ftehim Kollettiv, Appendici C bejn il-Korporazzjoni Enemalta u l-General Workers Union.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Ir-rikorrent ipprezenta affidavit fejn semma li kien dahal ma' l-Enemalta fl-1965 u wasal sal-kariga ta' Assistant Technical Officer. Meta fil-5 ta' Marzu 1992 kienet harget cirkulari 10/92 ghall-kariga ta' Technician fit-taqsima ta' l-Elettriku. Dak iz-zmien hu kellu l-grad ta' Senior Fitter.

Sostna illi huwa kellu hafna esperjenza u zied li fi hdan il-korporazzjoni jezistu zewg kategoriji, wahda dik imsejha "distribution section" u l-ohra "mechanical section" u hu jaqa' taht id-"distribution section". L-ezami li johrog huwa dejjem ghal kategorija tal-'mechanical section' ghax fuq is-sezzjoni tieghu qatt ma johrog.

Hu ma kellux Higher Technicians' Diploma u anqas Ordinary Technicians' Diploma izda kellu 4 snin esperjenza msemmija fl-applikazzjoni.

Hu bbaza l-ingustizzja u l-ilment tieghu fuq il-fatt li qatt ma hargu call for applications fid-distribution section. Fil-fatt l-ingustizzja li lmenta minnha kif jirrizulta a fol 19 tal-process kienet mhux ghax ma ghaddiex mill-ezami izda ghax ma hargux applikazzjonijiet fid-distribution section.

Xehed Tony Falzon Assistant Technical Officer u semma li fl-1992 kien chargehand. Qal li jaf lir-rikorrent u ilu jafu xi 20 sena meta beda jahdem mal-Enemalta. Hu kellu grad fuq ir-rikorrent ghax kien jahdem ta` Senior Fitter fl-1992. Sostna li l-ezamijiet suppost isiru fuq il-Generation u fuq id-Distribution halli n-nies jiehdu l-promozzjoni, izda bhala stat ta' fatt, l-ezamijiet qed isiru biss mill-Generation. Hu ma ftakar qatt li sar ezami mid-Distribution.

Xehed Joseph Mangion Principal mal-Enemalta Corporation. Ikkonferma li r-rikorrent dahal mal-Enemalta fl-1965 u fl-1966 sar Fitters Mate u fl-1974 sar Fitter Mechanical u fl-1987 sar Senior Fitter Mechanical. Hu kien ghamel l-ezami izda ma kienx ghadda fl-1992.

**KONKLUZJONIJIET:**

Fit-13 ta' Jannar, 2003 it-Tribunal wara eccezzjoni ulterjuri tal-intimat li t-Tribunal ma ghandux gurisdizzjoni jisma' u jiddeciedi l-kaz stante li tali sitwazzjoni ma tinkwadrax ruhha f'dak imsemmi fil-Ligi, iddikjara ruhu inkompetenti *ratione materiae* biex jisma' l-kaz.

It-Tribunal hass li "jkun opportun li jinghalqu l-provi kollha tal-partijiet u li tinghata sentenza wahda peress illi din effettivament mhiex verament eccezzjoni ta' natura preliminari izda parti mis-sustanza tali tal-kawza u ghalhekk ikun aktar opportun illi l-ewwel jinghalqu l-provi kollha u imbaghad it-Tribunal jiddeciedi fuq l-aspetti kollha relevanti jekk ikun il-kaz.

Ghal dawn il-motivi jordna illi ma tinghatax decizjoni fuq l-eccezzjoni minhabba li din mhiex vera eccezzjoni preliminari u li jitkomplew il-provi u ghal dan l-iskop

tiddiferixxi l-kawza ghall-kontinwazzjoni biex jinghalqu l-provi kollha tal-partijiet…”

Provi ohra ma sarux.

Illi ghalhekk l-ilment tar-rikorrent huwa bbazat fuq li fl-1992 meta hu kellu l-grad ta’ Assistant Technical Officer kienu hargu sejhiet ghall-promozzjoni ta’ Technician Mechanical (illum Technical Officer) u meta hu ghamel l-ewwel parti ta’ l-ezami bil-kitba ma giex imsejjah ghat-tieni parti u sostna li dawk kollha li gew imsejha ghat-tieni parti kienu kollha mis-sezzjoni tal-Generation waqt li hu kien mis-sezzjoni tad-Distribution. Qatt minn dak iz-zmien lil hawn ma nghata hadd promozzjoni li kien qieghed fis-section tad-distribution. Ir-rikorrent ibbaza l-ingustizzja u l-ilment tieghu fuq il-fatt li qatt ma hargu call for applications fid-distribution section. Fil-fatt l-ingustizzja li lmenta minnha kienet mhux ghax ma ghaddiex mill-ezami izda ghax ma hargux applikazzjonijiet fid-Distribution section. Minn naha tieghu l-intimat sostna illi wara li kienet harget ic-cirkolari 10/92 fil-5 ta’ Marzu 1992 kienu applikaw 47 persuna fosthom ir-rikorrent u li wara li gew ezaminati mill-bord ta’ l-ghazla kkwalifikaw 6 kandidati li fosthom ma kienx hemm ir-rikorrent u dana dejjem a tenur tal-ftehim kollettiv.

Issa dan jammonta ghal ingustizzja jew le? Ir-rikorrent stess ma sostnix li l-korrezzjoni tal-karti ma saritx kif suppost. Mela fil-fehma tar-rikorrent l-ilment jikkonsisti filli sab it-triq biex javvanza maghluqa. Izda din hi maghluqa f’hafna pozizzjonijiet tax-xoghol u jinkombi fuq persuna li trid tavvanza li tistudja xi suggetti ohra jew dawk li taf f’livell aktar fond biex issib is-soluzzjoni. Ma rrizultax li l-fatt li ma jsirux ezamijiet fid-distribution kienet b’xi mod diretta kontra r-rikorrent, jew li bata minnha hu biss. Veru li hu sfortunat izda dan mhux sufficjenti biex wiehed jikkonkludi li saret ingustizzja.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa’ l-eccezzjoni tal-intimat.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

---------------------------------TMIEM---------------------------------